# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

IL POETA LATIN ORAZJU.

**19.** **9 TA' JANNAR 1909.** **L-EUUEL SENA**


## FTEHIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra m'ill Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u ista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Hadd ma jista jissieħeb għal inkas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieh tiegħu, għal sena, b-xejn.

F'in-"Naħla" ŭiegħduni li għandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bsco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Ischejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— G. Darmanin-Demajo, P.L.; Gnni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manché, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Għaŭdex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u oħrajn.

Għal premjijiet jista jidħol m'hux biss min icun imsieħeb iżda min jixtri il ġurnal ucoll, basta jokgħod għal ftehim li jcun hemm avżat f'in-"Naħla".

Il manoscritti ma 'nreġġhuhomx lura.

L-ittri għandhom jinbagħtu [illegible] il Belt, 37, Strada S. Gioanni; fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avviżi ecc.

# It-Terremot il Cbir.

### MESSINA

L-eŭŭel nies li bdeŭ jibnu dina il belt li chellha tispiċċa hecc jcreh chienu il grieghi xi elf sena kabel ma deher Cristu f'id-dinja; u l-eŭŭel isem li chellha chien Zancle, li b'il griegh tfisser mingel billi dina hi il għamla ta'l port tagħha.

Il poplu ta'l Greċja imsejjaħ Messeni sitt mija u sebgħin sena kabel Cristu kalgħu xebgħa minn għand l-Ispartani, poplu griegh ieħor, u għalecc ħarbu u marru f'Zancle, taħt il cmand ta' Anasilla u lil belt taŭha l-isem ta' Messana.

Tmien mija u ŭieħed u tletin sena ŭara Cristu ŭakgħet taħt idejn is-Saracini, li geŭ imbagħad imcheċċijin minn Normanni fl'1061. Imbagħad Messina ŭakgħet f'idejn l-Imperaturi Tedeschi u ŭara taħt il Francisi u m'il 1282 sa'l 1713 chienet taħt il ħacma ta'l l-Ispanjoli. Fl'1861 ŭakgħet taħt idejn it-truppi ta' Sardinja. Il Catidral tagħha hu ŭieħed m'il l-actar antichi u ma'l port tagħha ftit portijiet oħra ta'l Mediterran jistgħu iħabbtuha.

Min jaf jecc għadx targa tkum m'il ħerba li tinsab fiha biex issir m'il ġdid ŭaħda m'il l-isbaħ irgejjen ta'l Mediterran?

# COLONNA SAGRA.

## L'Evangelju ta għada

L'Eŭŭel Ħadd fuk l'Epifanija

San Luka Cap. 2:—

"Mita Gesù chien sar ta tnax il sena, telgħu Gerusalemm, chif chienet id-draŭŭa, għal nhar il Għid: mita għaddeŭ daŭc il ġranet, chif chienu rieġġħin lura it-tfajjel Gesù baka Gerusalemm u ommu u missieru ma'ndunaŭx. Imma, billi ħasbuħ ma sħabhom, bakgħu sejrin giurnata mixi: u mita fittxeuh bejn il kraba u il ħbieb u ma sabuhx, reġgħu l' ura lejn Gerusalemm, biex ifittxuh. U ġara li, uara tliet tijem sabuħ il Cnisja, kiegħed f'nofs il għorrief, jismaħħom u jistaksihom. U daŭc collha li chienu kiegħdin jisimgħuħ, chienu mgħaġġbin bil għakal u ir-rispcsti tigħu. Malli rauħ, stagħġbu biħ; u ommu kaltlu: *Ibni, għax għamiltilna hecc? Missierec u jena conna kiegħdin infittxuc sogħbiena.* Imma hu kalilhom: *Intom għaliex contu ifittxuni? Ma contux tafu li jaħtieġ incun f'daŭc il ħŭejjeġ li huma ta Missieri?* Iżda huma fehmu dac li chien kalilhom. Imbagħd, niżel maħħom, u mar f'Nażar: u chien jokgħod għalihom. Ommu chienet tarfa dac il cliem collu f'kalbha. U Gesù chien għaddej il-kuddiem fil għerf, fiż-żmien u fil grazzja, f'għajnejn Alla u f'għajnejn il bniedmin."

It-tifsir ta Monsinjur Martini fuk din il biċċa tal Evangeliu hu ftit-u-xejn tŭil, mentri dac tal Ħadd li gej hu kasir ŭisk, għax l'Evangelju tal Festa tal Isem Imkaddes ta Gesù li jingħad fit-Tieni Ħadd ta fuk l'Epifanija, hua ucoll mill' aksar: għal hecc, mela, inħallu għal bħal 'llum tmien tijem, it-tifsir tal Evangelju ta għada.

## Il Kaddisin tal Gimgħa.

Nhar it-Tnejn u Nhar it-Tlieta—bl'abjad—ġranet fost l'Ottava tal Epifanija.

Nhar l'Erbgħa—l'Ottava tal Epifanija—bl'abjad.

Nhar il Ħamis—bl'abjad—San Ilariu, Iskof.

Nhar il Gimgħa—bl'abjad—San Paŭl, Eremita,

Nhar is-Sibt—bl'aħmar—San Marcell, Papa u Martri.

Nhar il Ħadd—17 ta jannar—bl'abjad—It-Tieni Ħadd fuk l'Epifanija—l'Isem Imkaddes ta Gesù.

Il gimgħa li għaddiet, bi sball tal istampa li jista jiġri lil cullħadd, saret kabża u bidla fil ġranet tal *Kaddisin tal Gimgħa*: imma aħna sguri li il karrejja indunaŭ huma stess u fehmu chif riedu icunu imkassmin il ġranet, l'actar, imbagħd, billi inzertaŭ festi li jafħom cullħadd.

G. Muscat-Azzopardi.

★

# FRAC.

## IL BANDA CONTE RUGGIERO TA'R-RABAT.

F'is-27 ta' Dicembru li għadda f'iċ-Circolu ta' S. Paŭl ta'r-Rabat sar it-tberic ta' żeŭġ standardi ġodda magħmula m'il l-istess soci ta'l casin, u li ŭara nofs inhar geŭ irrigalati lil Banda fuk is-Sakkaja. Il ċruċcetti tagħhom huma xogħol sabiħ ta'l Imgħallem Ant: Fenech ta'l Belt.

Il President Messina għamel taħdita sabiħa ħafna u ħaġġeġ kalb cullħadd lejn il Kbir Appostlu u lejn il Conti Ruggiero ta'l privileġġi li tana. Ŭiegeb il Cappillan Dun Carm Sammut u cliemu għoġob lil cullħadd ucoll. Il presentazzjoni ta'l Istandardi saret m'il l-aħŭa Nobbli Messina u m'il Conslu Von Tucher, u is-Sinjura Messina ippresentat it-tazza ta'l fidda li taŭ l'is-surmast. Il Banda kalgħet ucoll daŭna ir-rigali sbiħ: Żeŭġ qŭadri m'il Conti Messina; ornament ta'l metall bi placca ta'l fidda m'is-Soċjetà "L'Amore;" arloġġ ta'l metall m'is-Soċjetà "Alfieri;" Lira Musicali ta'l fjuri artifiċjali m'it-Teatru "Vittoria"; tazza ta'l fidda m'il proprietarju ta'r-Royal Saloon; bacchetta sabiħa m'il proprietarju ta' Point de Vue Hotel. Ir-repò u it-trattamenti chienu m'il l-aħjar u il festa irnexxiet ŭisk.

★

Nhar il Ħamis li għadda kuddiem il ġûri giebu lil Paŭlu Azzopardi m'il Birgu u li jokgħod l'Imsida. L-Ass: Avucat ta'l Curuna gżaħ li chisser b'dakka ta ponn ix-xedak ta certu Carmnu Perini u għalecc talab minnu minn disa xhur sa disa snin piena. Iżda billi Azzopardi chellu raġun u id-difiża tiegħu għamilhielu il bravu criminalista, il Contin Caruana Gatto, sitt ġurati kalu li Azzopardi ma chienx ħati u għalecc mar il barra.

★

Victor Galea li chien ħera lil Michelina Borg ta' ta's-Sliema gie iccundannat għal ħames xhur ħabs għa'x insab ħati.

★

Il ġabra li kiegħda issir minn Malta għal vittimi ta't-terremot ta' Messina laħħket, sa'l bieraħ, 266 lira, ħmistax il xelin u disa soldi u nofs. Somma sabiħa meta uieħed igib kuddiem għajnejh li ġa ħarġu, ma ilhomx, elf lira għa's-"Sardinia" u il għacs li haŭn f'il pajjis. Nitma li daŭn il flus u il flus cbar li inġabru minn għand in-nazzjonijiet l-oħra imorru collha f'is-sħieħ u li ma jpappux minnhom xi erba taljani b'il ġuh bħal ma ġara drabijiet oħra. Hemm bżonn li il Cumitat li jonfok daŭna il flus icun magħmul m'il Conslijiet ta' daŭc il pajjisi li ħarġu il flus.

★

F'il "*Malta Herald*" krajt bosta articoli ta' ħtieġa cbira u li ħhom, bejn ŭieħed u ieħor, dac li jiena ġa tchellimt fuku f'in-"Naħla." Iva, hemm bżonn li l-abbużi ta'l Ispiżżeriji jinkatgħu darba għal dejjem għaliex kiegħdin ibatu il but u is-saħħa ta'l poplu. Dic il biċċa imbagħad li xi tobba jinnegozjaŭ fuk l-ispiżżeriji hi cherha ŭisk, għaliex ftit huma daŭc li jfittxu is-saħħa ta'l poplu u m'hux li jhaxxenu buthom.

Da'l ġranet kuddiem il Korti ħarrcu xi spiżżjari għaliex bigħu medicini imħalltin li jistgħu jagħmlu id-deni f'is-saħħa.

Fuk daŭna l-abbużi għad nitchellem f'it-tul ma indumx u naf x'ingħid b'iż-żejjed.

★

Da'l ġranet f'il Parroċċa ta'l Isla saret festa sabiħa ta's-"Soċjetà Operaja San Giuseppe" ta'l Isla li giet maħluka m'il mibchi Sur Anġ Caruana biex in-nies ta's-sengħa igħinu lil xulxin f'il mard. Dina is-Soċjetà hi ta min ifaħħarha ħafna billi tagħmel ħafna gid, u billi tat l-esempju tajjeb bejn in nies ta's-snajja biex jingħakdu flimchien billi il għakda dejjem għamlet il kaŭŭa.

Jiena nixtiek lil dina is-Soċjetà ħajja tŭila u nixtiekilha cull risk u nixtiek li in-nies ta's-snajja collha jissieħbu fiha billi daŭna is-soċjetajjiet jagħmlu gid ŭisk. Jalla joctor bl-eluf il għadd ta's-soci tagħha.



# IS-SAHHAR FALZUN

## RUMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

"U inti x'għedtlu?...." staksietu Carmena-

Jiena, ja sidti, ma tatnix il kalb li ngħidlu le... jecc inkast ċanfarni.... jiena fhimt li sejjer nisŭielec xi ħaġa...."

—"Le, Hamid, għamilt seŭŭa.... incun nafulec.... hecc għallankas incun naf seŭŭa xi ġralu.... min chien isabbarni magħluka haŭn bla ebda aħbar tiegħu?... Hamid fittex tini l-ittra.... u fittex oħroġ li ma jmurx jinkala Ambroġ m'il ġdid u jsensilna... niżżichajr, Hamid...."

U chif kaltlu hecc, ħatfitlu l-ittra mn'idu u bexxkitlu il bieb biex joħroġ.

Hamid sellem b'rasu, ħareġ u carŭat l-isfel lejn camartu.

Carmena saccret il bieb minn ġeŭŭa, u tirtogħod minn fuk s'isfel bħal xakk ta' kasba, chissret b'difirha l-incira ta' dic l-ittra misħuta.... inxteħtet b'il kiegħda fuk siġġu ta'l brazzi ħdejn il-lampa ta'l Madonna u bdiet takra, u tarġa takra dac il cliem karrieki ta'l Cavalier; u meta krat daŭc il chelmiet li hu biss xtak kabel ma jmut li jgħannakha għal l-aħħar darba biex juriha chemm ehienet safja imħabbtu lejha, u li hu biss xtak ichellimha għal ftit ħin u jarġa jibgħata l-ura, ħasset li ma chelliex tiċħadlu din l-aħħar xeŭka, riedet tisma minn fommu li ma hux ħati ta' dac collu li kallha Ambroġ, riedet tifhem seŭŭa x'chienet il biċċa ta Marija u jecc chienx collu tħarrif ta ħuha biex ibegħidha minnu, u għalecc, niżel il għamad ta'l l-imħabba fuk għajnejha, u b'telfa li ma ħalliethiex tiżen b'iż-żejjed dac li chienet sejjra tagħmel, refgħet, ŭara li bisitha u xarrbitha b'id-dmugħ, l-ittra ta De Saqueville, dafret ħafif, ħafif dlielha, libset chemm ili ingħid, kalet lil missierha, minn ŭara il bieb, li sejjra tisma kuddies il Grotta ma Hamid, kalet lil Hamid biex imur ŭarajha u ħarġet bħal mibluħa u gibdet lejn is-Sakkajja.

Il chesħa ta dac il-lejl, billi chien għadu kiegħed iroxx f'il bogħod id-daŭl mitfi ta'ż-żerniek, daħħlitha fiha infisha u intebħet li kalbha chienet kattgħet cull lgiem tagħha.... "iżda sa jisbaħ seŭŭa," kalet bejnha u bejn ruħha "jiena incun arġajt l-ura u ħadd ma sejjer jintebaħ fejn cont.... u imbagħad, fuk collox, jien għandi id-dritt li nħobb bħal ma missieri ħabb l-ommi u Ambroġ ħabb lil Marija...."

Sejjħet lil Hamid, li mibluh fih in-nifsu għaliex ma chienx jaf x'sejjra tagħmel Carmena, chien miexi ftit passi bogħod ŭarajha, u kaltlu biex isejjaħ il caless li chien hemm taħt il ġnien ta' S. Frangisc, daħlet fih, gibdet il purtieri biex ma tidhirx, u Hamid tala fuk is-saldatur ŭara li kaltlu biex isuku ħaj, ħaj, lejn il Birgu. Hamid xamm malajr x'chien il ħsieb ta' Carmena, kal lil Ġorġ, il cuċċier, biex iħarrec ftit seŭŭa, għemżu biex fehmu li chienet żelka ta sidtu, gegħlu jsallab ħafna torok biex ikarrbu u ma jgħaddux chemm jistgħu minn kalb in-nies u f'kasir żmien sabu rŭieħhom il Birgu.

Carmena tleffet seŭŭa f'il għonnella, għattiet ŭiċċha chemm setgħet b'il mactur li chellha, Ġorġ baka jistenna għa'x kaltlu li da'l ŭakt tigi, Hamid mexa kuddiem biex juriha ittriek u hi imxiet ŭarajh imbeżżgħa li xi ħadd jagħratha jeŭ jintebaħ għal fejn chienet marret hemm, għodu, għodu.

(*jissocta.*)

## LIL MSIEHBIN

BEJN DAŬC COLLHA LI ĠA HALLSU JEŬ LI JCUNU HALLSU, L-EŬŬEL SITT XHUR SA' L-AHHAR TA' JANNAR, *BASTA JIĠU MINN JEDDHOM,* TINTRAFA COPJA OHRA TA'D-DIZZJUNARJU INGLIŻ U TALJAN, ILLEGAT SABIH, BHAL DAC LI TAJT GHAL LOGHOB.

LIL MIN MA JCUNX HALLAS NIBGHATLU SANTA MINN DAŬC TA'L KORTI GHALIEX IL ĠURNAL MA JZOMMX B'IR-RIEH.

FTACRU LI IL HLAS HU B'IL KUDDIEM U MA GHANDIX NIĠRI ŬARAJCOM JIEN U NAGHMEL HAFNA SPEJJES GHALIEX SPEJJES IL ĠURNAL FIH B'IŻ-ŻEJJED.

A. LEVANZIN.

## TIFSIR TA'L LOGHOB TA' KABEL.

1. Xarada:— Mil
2. X'inhi?:— Imkass
3. Indovinalja:— Ghadb... ta bieb
4. do. Bastun

Fissruhom tajjeb collha:— E. Carabott (Rabato); L. Ellul (Hal Chircop); B. Verzin Hamrun); G. B. Attard (Imghieret); G. Mifsud (Hal Axak); Luigi Barbaro Sant (Zejtun); A. Farrugia (Imdina); L. Sacco (Hamrun); R. Mifsud Bonnici; F. S. Mizzi (Il Belt); C. Cassar (Bormla); J. Bugeja (Rabat); G. Camilleri (Gudja); Patri Ugolin Mercieca (Rabat); F. Cuschieri (L-Isla); Gnu. Grixti (Gudja); A. Vella (Bormla); E. Valenzia (Bormla); B. Zammit (Marsa); Gna. Pandolfino (Sliema); Gno. Camilleri; Sac: Vinc: Vassallo (Hal Luka); Enr: Thoma (Imghieret); Emm: Cardona (Sliema) u is-Sac: G. Dimech (Mosta).

Bejn daŭn collha min sejjer imissu b'xortih id-Dizzjunarju ingħidu f'numru ieħor.

Daŭc li fissru tlieta biss huma:— F. Hass (Sliema); F. Borg (Birchircara); Sac: Ant: Genovese (Rabat); Ccu: Calc: Sammut (Rabat); S. Duca (Hal Axak); Alb: Cefai Aquilina (Sliema); Alf: Borg (Il Belt); A. F. Serge (Il Belt); Alf: Borin (Il Birgu); C. Sant (Hal Għargħur); C. Barbara (Gudja); F. Said (Hal Tarxien); Edy Mula (Sliema); Sac: E. Galea (Kala); Ass: Grima (Bormla) J. Dunkerley (L-Isla); A. Mercieca (Mosta); Nic: Camilleri (Siggieŭi) u Fco: Scicluna (Hal Kormi).

Daŭna rebħu ctieb ta'l Mogħdija ta'ż-Żmien u jistgħu jibagħtu għalih; u m'hux jippretendu, bħal xi ħadd, li għandi nibgħatulhom jien ucoll. Min għad bakagħlu jieħu xi premju jigi għalih u jiena bhal ma ŭiegħidtu, natihulu.

## Lil l-Imsiehbin.

Nitlob lil daüc l-imsieħbin li għadhom ma ħallsux l-eüüel üliet xhur li ma jokogħdux iħabbtu l'ir-ragel li bgħat b'-ir-ricevuti biex iħallsuh, u li ma jokogħdux iżiduli spejjes għa'x il gazzetta fiha b'iż-żejjed, ħall: nibkgħu ħbieb.

Nitlob ucoll lil daüc l-imsieħbin ta'l campanja fejn għandi ftit imsieħbin li jibagħtu il flus ta'l abbonament bolli ta't-tlieta u jiena nibagħtilhom l-ircevuta b'il posta għaliex ma jakbilx li nibgħat ragel apposta bl-ircevuti. L-imsieħbin, jecc iridu jaraü tgħaddi il kuddiem l'in-"Naħla," għandhom jagħmluli il kalb billi ma jħabbtunix għal ħlas.

Min jictibli fuk xi ħaġa u ma inüieġbux malajr f'loc li jieħu fastidju għandu jieħu ftit ta'l pacenzja għaliex il ġurnal fih xogħol üisk u ma nistax inlaħħak chif nixtiek ma cull-ħadd.

Daüc collha li jixtieku jaraü xi numri ta'n-"Naħla" biex forsi jitħajjru jissiehbu jiġu l-uffiċċju tiegħi u natihom b'XEJN xi numri farrada m'il l-imgħoddija. Nitlob ucoll lil daüc li jonkoshom xi numri li jgħarrfuni għaliex da'l üakt jispiċċaü u jibkgħu b'xejn.

Min jissieħeb ġdid u irid in-numri collha ta' kabel għandi mnejn natihomlu.

★

HAREĠ IL CTIEB SABIH
**"IL MAHBUB TA' GESÙ."**
TA' S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, B'IL HAJJA U B'IR-RITRATT TA' L' AŪTUR, B'IN-NOTI U BI STAMPA SABIHA "SAN ĠUANN EVANGELISTA F'PATMOS."

DANA IL CTIEB HU STAMPAT FUK CARTA M'IL L-IFIEN U GHALCHEMM FIH FUK IL GHOXRIN FAXXICLU SEJJER JIMBIEH **XELIN U NOFS BISS** IL COPJA. MIN HA L-EŪŪEL TNAX IL FAXXICLU U MA KAGHBARHOMX IGIBHOMLI U JIENA NATIEH UIEHED MEHJUT U LEST. IXTRUH HALLI TAKRAU CTIEB TASSEU SABIH.

A. LEVANZIN.

---

Is-Sur Ġużè Gatt ta' Bormla sejjer joħroġ Ġabra ta' drammi u tragedji mictuba minnu stess b'il malti. Il ħila ta's-Sur Gatt f'dana ix-xogħol hi magħrufa b'iż-żejjed u għalecc nitma li jsib ħafna imsieħbin chif jixraklu. Fosthom sejjrin jidhru: *Alido, Iż-Żeüġ Bojjiet, Il Bravu ta Venezja, Il Maħruk Ħaj, Il Mutu Franċis u l-Iben Prodigu.*

Cull faxxicolu ta' 16 il faċċata jkum żeüġ soldi u joħroġ cull ġimgħa. L-eüüel faxxicolu joħroġ ma jdumx. Min irid jissieħeb jicteb jeü imur Bormla, Strada Nuova, 23.

---

Min irid ipejjep sigarri "Verginja" ta'l aħjar qūalità jixtri daüc li jinħadmu f'il Fabbrica ta' Feliċ Ebejjer, 22 Strada Concezione, Bormla.

---

Għand Carmnu Delia ta' Strada Marina, Bormla, jinsabu għal bejħ mobbli ta'l geüs u ta'l caüba m'il l-isbaħ u bi prezzijiet irħas. Min jipprova joħroġ għal kalbu sgur.

---

Min irid ikatta nofs siegħa biex jieħu pjacir tasseü imur f'iċ-Cinematografu il ġdid ta' Ta's-Sliema ta'x-Xatt imsejjaħ SANSPAREIL. M'hux biss jara loc m'il l-isbaħ iżda jara ucoll ħafna pellicoli novità. Tħajjru u ma jibdielcomx.

---

Fl-Economical Central Dispensary ta' kuddiem il Għajn ta'l Furjana jcun hemm il vista ta't-Tabib m'it-8 sa'd-9 u nofs ta' f'il għodu u m'it-3 u nofs sa'l 4 u nofs ta f'il għaxija, cull jum.

---

Dūardu Carabott ta' Via Boschetto, ir-Rabat, ibieħ sigarri Virginja, bl-ingrossa u bl-imnut u jitka għal l-ichel lill cull min irid jiecol buccun tajjeb u b'irħis.

---

Min irid jixtri xogħlijiet tasseü sbieħ ta'l archett imur f'il Crystal Palace Hotel, Piazza Chiesa, Ħal-Luka, għand Għejtu Camilleri.

---

Min irid jixtri gażużi u birra ibbottiljata m'il l-aħjar imur għand Fonsu Borin, Str. St. Antonio, il Birgu.

---

Min irid jixtri bi rħis machinetta li tagħmel timbri ta'l cauxù imur għand Filippu Verzin, 31 Str. Reale, il Ħamrun.

---

Dar għal chiri fi Str. Sta. Margherita, No 21A, Bormla. Morru għand G. Azzopardi, ta'd deheb, Piazza Gavino Gulia.

---

Jecc xi ħadd irid jinkeda b'cummari tajba jsejjaħ l'is-Sinjura F. Theuma Grima ta'l Ħamrun (27 Str. Reale) u joħroġ cuntent.

---

Jecc xi ħadd irid jitgħallem jagħmel xorbijiet bi rħis u m'il l-aħjar imur għand Adrian Sammut ta' Piazza St. Agostino ta'l Ħamrun.

---

Min irid ikatta tasseü nofs siegħa mogħdija ta'ż-żmien u jieħu pjacir imur jeü iċ-Cinematografu-Cummerċ jeü f'iċ-Cinema Iperia ta' Strada Rjali għaliex it-tnejn icollhom dejjem pellicoli m'il l-isbaħ.

---

Min irid jixtri sapun tajjeb u żejt ġdid m'il l-aħjar imur għand Agius u Galea, 1B Strada Levante, il Belt u jtenni.

---

Tridu tinkdeü b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

---

Min icollu bżonn li jircanta jeü jistma xi ħaġa, jeü min irid jixtri ħajjenzi, affarijiet ta'l mejda, jeü mobbli seconda man ucoll imur għand is-Sur Diomede Azzopardi, No. 10A. Strada Reale, Il Belt, jeü fuk S. Paul, Bormla.

---

Is-Sur Salv: Zammit hu l-Agent għal Malta ta'l imfaħħra Dar ta'l fjuri u sigar, Nastasi e Figlio. Dal üakt jasal f'Malta Salv: Nastasi biex jieħu l-ordnijiet ta' Camelji, Gardenji, siġar ta'l frott u ħamrija ta'l felci. Min irid jordna xi ħaġa jmur fi Strada Stretta No. 146. Il Belt, cantuniera ma Str: Santa Lucija.

---

Għa't-tfal ta'l Iscola Billion li jokogħdu il Belt, il Furjana jeü l-Imsida hemm omnibus apposta biex jieħodhom u jġibhom ta' cull jum u jcunu inducrati minn surmast li jieħu ħsiebhom.

---

Min irid jixtri ctieb b'il malti, ta' 300 faċċata, sabiħ üisk li jfisser cull ma tagħmel il Cnisja ma tul is-sena jibgħat Għaüdex, il Kala, għand Dun Manüel Galea, 53 Strada Migiarro. Ikum xelin il üieħed, bi't-tuzzana 10 soldi.

---

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

---

Min irid jitgħallem ifassal seüüa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa imur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

---

Tridu tpejjpu sigarretti m'il l-aħjar u m'il l-orħos? Ixtru is-sigarretti "Imperial" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbiħu f'il ħüienet principali.

Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.